# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI**

**Isem:** ___________________________ **Klassi:** _______________

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**

2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 10 | 6 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.***

# Il-Kunċert



Biex tinkoraġġixxi lil binha ċkejken fl-istudju tiegħu tal-pjanu, omm iddeċidiet li tieħdu għall-kunċert li wieħed pjanista famuż kien se jagħti fil-belt fejn kienet toqgħod. Meta daħlet fis-sala, sabet postha u qagħdet tistenna l-kunċert jibda. Waqt li kienu bilqiegħda jistennew, l-omm rat ħabiba antika tagħha li kienet ilha ma tiltaqa' magħha, u marret tkellimha. It-tifel baqa' bilqiegħda waħdu. (*par. 1*)

Meta sab ruħu waħdu, it-tifel beda jiddejjaq u għalhekk ħataf l-okkażjoni biex idur dawra ma' dak il-post mhux tas-soltu. F'kemm trodd salib it-tifel kien għeb. Ftit wara tbaxxa d-dawl u l-omm marret tiġri lura f'postha billi l-kunċert kien għoddu se jibda. Imma meta waslet hemm skopriet li binha ma kienx għadu bilqiegħda fejn kienet ħallietu. Qabadha ferħ ta' ġenn u bdiet tħares 'l hawn u 'l hemm biex tara tarahx fost il-folla nies li kienet inġabret fis-sala tal-kunċert. (*par. 2*)

F'daqqa waħda nfetħu l-purtieri tas-separju. Wara l-pjanu grandjuż li kien hemm fuq il-palk ta' dik is-sala, l-omm tara lil binha ċkejken li, bla mistħija xejn, kien qiegħed idoqq il-melodija ħelwa "*Twinkle Twinkle Little Star*" b'saba' wieħed, bħalma kien jagħmel fuq il-pjanu tad-dar tagħha. Dak il-ħin fuq il-palk deher il-pjanista li kellu jagħti l-kunċert. Hu ħares lejn iċ-ċkejken u tbissem. Mingħajr għaġla ta' xejn mar fuqu u f'widintu qallu: "Tiqafx. Ibqa' doqq." (*par. 3*)

Imbagħad, b'idu x-xellugija l-pjanista beda jakkompanja lit-tifel waqt li dan kompla jdoqq fis-sempliċità tiegħu. Is-surmast uża l-id il-leminija wkoll u minnufih minn dak il-pjanu ħarġet armonija mill-isbaħ. Il-melodija tat-tifel baqgħet tispikka imma issa kienet akkompanjata u mżejna bix-xogħol ikkumplikat li kien qiegħed jesegwixxi dak il-pjanista famuż. (*par. 4*)

Flimkien dawn it-tnejn kien irnexxielhom jibdlu sitwazzjoni diżastruża u imbarazzanti f'esperjenza ta' sbuħija straordinarja li tat gost lil kull min kien f'dik is-sala għall-kunċert. L-udjenza baqgħet miblugħa. (*par. 5*)

Hekk jagħmel Alla. Dak li kapaċi nagħmlu waħedna jidher li ma tantx ikun impressjonanti minkejja li nagħmlu l-almu tagħna kollu. Imma meta id l-Imgħallem tħaddanna u tingħaqad ma' tagħna, dak li nwettqu jsir xi ħaġa ta' sbuħija liema bħalha. (*par. 6*)

(*addattata minn **R+M 2000** ta' Ġunju-Lulju 2004*)

| A. FEHIM IT-TEST | *(10 marki)* |
|---|---|

1. Għaliex l-omm ħadet lil binha għall-kunċert ta' pjanista famuż? (*par. 1*)

______________________________________________________________(marka)

2. Għaliex l-omm ma baqgħetx fejn binha meta daħlu fis-sala? (*par. 1*)

______________________________________________________________(marka)

3. Xi ġralu t-tifel hekk kif sab ruħu waħdu? (*par. 2*)

______________________________________________________________(marka)

4. Għalhekk x'iddeċieda li jagħmel? (*par. 2*)

______________________________________________________________(marka)

5. X'għamlet l-omm hekk kif sabet li binha ma kienx għadu fejn ħallietu hi? (*par. 2*)

______________________________________________________________

______________________________________________________________(2 marki)

6. X'qallu l-pjanista lit-tifel meta rah idoqq il-pjanu? (*par. 3*)

______________________________________________________________(marka)

7. X'għamel il-pjanista waqt li t-tifel baqa' jdoqq? (*par. 4*)

______________________________________________________________(marka)



8. X'irnexxielhom jagħmlu l-pjanista u t-tifel flimkien? (*par. 5*)

______________________________________________________________

______________________________________________________________(marka)

9. Skond l-awtur, min iġib ruħu bħalma ġab ruħu dan il-pjanista mat-tifel? (*par. 6*)

______________________________________________________________(marka)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | ***(20 marka)*** |
|---|---|

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Il-frażi ***id l-Imgħallem*** (*par.6*) hi frażi fl-istat kostrutt. Qiegħed dawn il-frażijiet li ġejjin fl-istat kostrutt:

   (a) l-omm tat-tifel ______________________________

   (b) il-kelma tas-surmast ______________________________ (2 marki)

2. Imla l-vojt skond l-għerq mogħti wara l-ispazju. (Ara l-eżempju.)



   (a) Il-ħalliel **qabeż (q-b-ż)** il-ħajt u daħal jisraq.

   (b) Philip _____________ (ħ-r-ġ) mid-dar filgħodu kmieni.

   (ċ) Sharon u Lina _____________ (l-b-s) żarbun ġdid għall-festa.

   (d) Meta qsamt rasi ma _____________ (m-w-r) skola imma bqajt id-dar!

(3 marki)

3. Min-nom **tifel** (*par. 1*) noħorġu nom denominattiv **tfulija.**
   Oħroġ nom denominattiv mill-kelmiet li ġejjin:



| | | |
|---|---|---|
| i | raġel | |
| ii | aħdar | |
| iii | ikrah | |

(3 marki)

4. In-nom ***mistħija*** (*par. 3*) hu nom mimmat li ġej mill-verb ***staħa.***
   Oħroġ nom mimmat minn dawn il-kelmiet li ġejjin:

(a) **fetaħ** - __________________ ; (b) **xitla** - ____________________ (2 marki)

5. Immarka b' **X** wara t-tweġiba t-tajba.
   In-nom **sbuħija** (*par. 5*) hu nom :

(a) mimmat ___ ; (b) verbali ___ ; (ċ) astratt ___ . (marka)

6. Mill-verb **dar** noħorġu n-nom verbali ***dawra*** (*par 2*).

   Oħroġ nom verbali minn **ħares** (*par. 3*): ___________________ (marka)

**LESSIKU / VOKABULARJU**

7. Flok il-kelma **għeb** (*par. 2*) nistgħu niktbu l-kelma:__________________ (marka)

8. Minn *paragrafu 6* sib kelma li għandha l-istess tifsira tal-kelma **ħila**:

__________________________ (marka)

**ANALIŻI TESTWALI**

9. Agħmel **X** fejn it-tajba. Flok ***Qabadha ferħ ta' ġenn*** (*par.2*), nistgħu niktbu:
a. L-omm ferħet ħafna ( ___ )
b. L-omm ma kinetx taf fejn se tagħti rasha ( ___ )
ċ. Lill-omm qabadha xi ħadd ( ___ ) (marka)

10. Il-kelma **inġabret** (*par. 2*) għal min qiegħda tirreferi? _______________ (marka)

11. Fis-silta, il-kelma **jiddejjaq** (*par. 2*) tfisser:
(a) jirqaq ___ (b) jixba' ___ jew (ċ) jidjieq___? (marka)

**SINTASSI**

12. Aqleb dan id-diskors dirett f'diskors indirett:

L-omm, "Ibni, jien se mmur inkellem lil dik is-sinjura. Int qis li toqgħod hawn f'postok u ma tmur imkien."

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(3 marki)



**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** ***(4 marki)***

1. Fisser l-idjoma b'sing taħtha:
F'ħakka t'għajn is-sala tal-kunċert imtliet bin-nies.

_____________________________________ (2 marki)

2. Meta omm it-tifel ratu fuq il-palk, f'qalbha qalet, "Issa li hemm hemm!"
Dan l-omm qalitu għax :

____________________________________________________________ (2 marki)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(10 marki)*

**Agħżel waħda minn (a) u (b) u ikteb madwar 30 kelma fuqha.**



**(a)** Il-Ġimgħa l-oħra grupp popolari ta' mużiċisti żgħażagħ "***D Band"*** ta kunċert fl-iskola fejn tmur int. Ikteb deskrizzjoni qasira dwar dan l-avveniment mhux tas-soltu fl-iskola tiegħek.

**JEW**

**(b)** Il-banda *San Bonifaċju* se tagħti kunċert fil-pjazza prinċipali tar-raħal, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Eġidju. Bħala s-segretarju / segretarja tal-banda, int ġejt mitlub/a mill-kumitat biex tagħmel avviż dwar dan lill-bandisti kollha. Tinsiex issemmi l-post, id-data u l-ħin tal-kunċert.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI *(6 marki)*

Ikteb **6 punti** dwar żewġ suġġetti li fittixt dwarhom għall-proġett ***Idea ta' Lingwa***.

- ______________________________________________
- ______________________________________________
- ______________________________________________
- ______________________________________________
- ______________________________________________
- ______________________________________________

| F. LETTERATURA | *(30 marka)* |
|---|---|



**(i) Jinqabad bid-Drogi** **(5 marki)**

1. **Ċinzja** kienet tfajla Taljana li ħarbet mid-dar u li sena wara ________________________________________

________________________________________ (2 marki)

2. F'**Ngħix bl-imħabba tal-biċċiet**, Helen iżżewġet ta' dsatax-il sena għax kienet

________________________________________. (2 marki)

3. F' **Monologu**, Martin u Simon ir-Raggae kienu żewġt aħwa li:
(a) siefru l-Awstralja ___ (b) mietu bid-droga ___ (ċ) rebħu lotterija ___. (marka)

**(ii) Stejjer taċ-Ċarrut** **(5 marki)**

1. **James Grech** telaq mid-dar t'ommu u mar jgħix:
(a) f'gabuba___ (b) f'villa ___ (ċ) f'kunvent ___ (d) f'ċimiterju___. (marka)

2. Fil-kitba **Għeluq Snin Luca**, Luca kien korra gravi f'inċident:
(a) waqt li kien jgħum ___ (b) fil-post tax-xogħol___ (ċ) tat-traffiku___ . (marka)

3. **Iż-Żerriegħa li ma Gergritx** ma kinetx taqta' qalbha mill-ħajja għax kienet tħares lejn: (a) is-sabiħ ___ (b) l-ikrah ___ (ċ) l-aħdar ___. (marka)

4. **Willie Calleja** rebaħ lil Oscar u sħabu għax:
- xorob mill-flixkun li tah ir-raġel li ġie mill-Indja. ___
- kien sar jemmen fih innifsu. ___
- kien tgħallem il-*kick boxing.* ___ (marka)

5. **Sladjan**, tifel imqareb tal-Kraina, kien ħarab mill-iskola biex mar ____________ fil-gwerra u, flok il-ktieb, f'idejh qabad l-armi. (marka)

**(iii) Stejjer għal Qabel Jidlam** **(5 marki)**

F'żewġ sentenzi ikteb il-ħsieb ta' wa<u>ħda</u> minn dawn l-istejjer:
(a) **It-Tifel tal-Baħar**, (b) **Ix-Xemx fuq it-Tieqa**; (ċ) **L-Ewwel Telefonata**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

**(iv) Nadriet** **(15-il marka)**

1. Aqra din il-poeżija ta' Ġorġ Borg u wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:

**Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti**

Għall-bejjiegħ
tal-gazzetti fuq Kastilja
min ma jixtrix
ma jeżistix.



Iżda
hu għandu ommu d-dar
u għalkemm gazzetti ma tixtrix
u ma taqrax għax ma tarax,
għalih hi kollox
u biha,
id-dinja ma taqax.

a. X'kien jagħmel il-bniedem imsemmi fil-poeżija?______________________(marka)

b. F'liema post kien jaħdem? ________________________________ (marka)

ċ. Għaliex ommu ma kinetx tixtri gazzetti? __________________________ (marka)

d. Mill-ewwel strofa, sib żewġ kelmiet li jirrimaw:_____________, ______________ (2 marki)

e. Il-vers "***id-dinja ma taqax***" ifisser:

____________________________________________________________(2 marki)

2. Ikteb madwar **30 kelma** dwar <u>waħda</u> mill-poeżiji li studjajt f'**Aktar Nadriet Poetiċi**.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

(8 marki)

| **Ġ. KOMPONIMENT** | ***(20 marka)*** |
|---|---|

Agħżel <u>wieħed</u> u ikteb madwar **250 kelma** fuq karta separata.

1. Il-festa tar-raħal jew tal-belt fejn ngħix.
2. Bniedem li nammira għat-talenti li għandu.
3. Meta mort *party* mal-ħbieb.
4. Strument mużikali li nixtieq nitgħallem indoqq.
5. Kemm waqajt għaċ-ċajt dakinhar!

